# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 02

Data tal-laqgħa: 9 ta' Lulju, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**02/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**02/01/01** Ma kienx hemm.

**02/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 01**

**02/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**02/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**02/03/01** Is-Sindku qalet li hawn ħafna tgergir fuq il-ħmieġ. Speċjalment iċ-ċentru għandu jitnaddaf kuljum bil-*bins* b'kollox. Is-Sur Christopher Fenech qal li importanti li l-kennies jimxi ma' *roster*, li l-Pjazza u Triq San Bartilmew għandhom isiru l-ewwel xogħol filgħodu u darbtejn fil-ġimgħa jnaddaf id-dawra tal-purċissjoni jiġifieri Triq l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa u Triq San Ġwann. Imbagħad darbtejn oħra fil-ġimgħa jiknes il-*housing estate* ta' Xwieki. Apparti li jrid jagħmel it-toroq l-oħra. Is-Sur Fenech qal li meta l-kennies ilesti irid jdur bil-van u jiġbor il-boroż li jkun ħalla. Jekk ma jkunx jista' jarmihom dakinhar jista' jħallihom fil-kamra tal-kenniesa u joħroġhom nhar ta' Tnejn, Ħamis jew is-Sibt. Is-Sur Carl Grech qal li waħda mill-problemi hi għax qiegħed waħdu u li wasal iż-żmien li jkun hawn żewġ kenniesa. Is-Sindku qalet li trid li jibda jagħmel xogħolhu sew u ħa tagħtih xahar ċans. Is-Sinjura Marilena Galea qalet li meta jagħmel l-isqaqien irid jidħol sa ġewwa.

**02/03/02** Is-Sindku saħqet fuq l-importanza li jkollna *Project Manager* li jara li kemm il-kuntratturi kif ukoll il-ħaddiema li qegħdin ma' CWSEF u RSSL jagħmlu xogħolhom sew. Kien hemm qbil unanimu.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**02/03/03** Is-Sindku saħqet fuq l-importanza li jkollna van tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu.

**02/03/04** Is-Sindku qalet li l-bankijiet tal-pjazza għandhom bżonn jiġu xkatlati u miżbugħa. Kien hemm qbil unanimu.

**02/03/05** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li l-*flyers* u *magazines* tal-Kunsill jibdew jitqassmu mill-MaltaPost plc. Is-SE ħa titlobhom stima.

**02/03/06** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinżabru s-siġar tal-Pjazza. Is-Sur Christopher Fenech spjega li qegħdin daqs tajjeb u talab li l-ħaddiema jnaddfu l-*pot*s regolarment.

**02/03/07** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li kull meta jinqata' l-ħaxix dan għandu jinġabar dakinhar stess. Kien hemm qbil unanimu

**02/03/08** Is-Sur Carl Grech qal li l-latrina għandha bżonn tindifa. Barra minn hekk, is-Sur Christopher Fenech qal li l-latrina għandha bżonn tiġi rinovata. Is-SE spjegat li latrini pubbliċi għandhom jgħaddu għand l-MTA, għaldaqstant, ħa terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

**02/03/09** Is-Sindku qalet li fi Triq Katerina Sammut kien hemm rimi llegali u l-Kunsill ħa ħsieb li jinġabar.

**02/03/10** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru 4 *cigarette bins* għal ħdejn il-każini. Is-SE ħa tiġbor 3 stimi.

**02/03/11** Is-Sindku resqet li hawn diversi fanali li għandhom bżonn jinbidlu, qalet li l-kuntrattur għandu ħafna xogħol pendenti u li jekk mhux ser jagħmilhom ħa nqabdu lil ħaddieħor.

**02/03/12** Is-Sinjura Marilena Hassan qalet li waħda mill-ġebel tal-kappella ta' Bernarda qeda perikoluża. Is-SE ħa tinforma lill-Kappillan Fr Christopher Galea.

**02/03/13** Is-Sindku resqet li Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. Barra minn hekk, is-Sur Christopher Fenech qal li għandha teħel tabella *No heavy Vehicles* ħdejn il-kunvent tas-sorijiet. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**02/03/14** Is-Sindku nformat li daħal rapport li resident kabbar il-kaxxa safra ta' quddiem il-garaxx fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**02/03/15** Is-Sindku qalet li darbtejn kuljum qed joħroġ ilma tad-drenaġġ fi Triq Caravaggio. Is-SE ħa tinforma lil Water Services Corporation.

**02/03/16** Is-Sindku resqet li Triq Ferdinandu tiġi *one-way* għax kull darba qed ikun hemm konġestjoni. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**02/03/17** Is-Sindku qalet li hemm bżonn li ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Għargħur FC fuq il-fatt li tfal iridu jkunu akkumpanjati mill-ġenituri. Is-Sur Christopher Fench semma' l-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u l-Għargħur FC li jgħid li l-Kunsill għandu dritt esklussiv ta' użu tal-grawnd għall-perjodu ta' għaxar snin (minn Ġunju 2011 sa Mejju 2021) ossia għal 2,000 siegħa li jinqasmu 200

siegħa fis-sena (inkluż is-Sibtijiet, Ħdud u festi pubbliċi) fil-ħinijiet ta' bejn 9:00am u 9:00pm għal kull użu li l-istess Kunsill jikkonsidra xieraq u opportun f'konnessjoni mal-edukazzjoni sportiva u eżerċizzju fiżiku u attivitajiet relatati. Għal fini ta' dan il-ftehim, sena tfisser 12-il xahar mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Mejju. Barra minn hekk kemm jista' jkun il-Kunsill juża' l-grawnd sa mhux aktar tard mill-4:00pm. Is-Sur Carl Grech ser jagħmel kuntatt magħhom.

**02/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**02/04/01** Ma kienx hemm.

**02/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**02/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Mejju 2019).

**02/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Transport Malta sabiex fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-Madliena Village jitwaħħlu tabelli sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità.

**02/05/03** Il-Kunsill irċieva *No Objection* minn Transport Malta sabiex Triq San Nikola tiġi *'No Entry Except to Render a Service'.*

**02/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' Mejju 2019).

**02/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Ġunju 2019).

**02/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-LCA – Mandat – MoU Kontra Rilaxxar ta' Bżieżaq. L-enfasi tal-kampanja kienet fuq il-bżieżaq biss pero jidher li kien daħal ukoll l-element ta' konfetti tal-plastik. LCA ma tinkoraġġixxix l-użu ta' dawn il-konfetti peress li jikkrea ammont ta' skart ta' plastic żejjed u bla bżonn.

**02/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Ġunju 2019).

**02/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Ġunju 2019).

**02/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – Rif. EC/00093/19 l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet avviż ta' Infurzar fuq ksur tal-kontroll tal-ippjanar rigward billboards u reklami fi Triq tal-Balal, Għargħur.

**02/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Ġunju 2019).

**02/05/11** Il-Kunsill irċieva Works Order Quotation (Job No.: 4,662) building of rubble wall in Sqaq ix-Xgħajrat (Total: €463.04). Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Lulju 2019).

**02/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fuq PA/02606/19 [Proposta: *Change of use to Public Service Garage and sanctioning of minor variations from approved plan.* Lokazzjoni: 92, Triq San Bartilmew, Għargħur].

**02/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli – SPI/SCI/12/2019 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta.

**02/05/15** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Żagħruna k/m Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/16** Fuq it-talba għal *flexible bollards* ħdejn 110 Triq San Ġwann. Kien hemm qbil li jsiru żewġ *flexible bollards.*

**02/05/17** Fuq it-talba biex *single yellow line* jiġi *double yellow line* mal-ġenb tal-knisja. Kien hemm qbil li ssir *junction box.*

**02/05/18** Fuq it-talba għal-*litter bin* ħdejn il-bus stop ta' Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**02/05/19** Fuq it-talba biex teħel tabella li turi li trakkijiet kbar ma għandhomx jgħaddu minn Triq F. Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**02/05/20** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem bieb fi Triq il-Kbira li minnu jgħaddu 50 familja. Il-Kunsill qabel li jsiru żewġ *motorcycle bays.*

**02/05/21** Fuq it-talba għal *STOP sign* fi Triq Vendome k/m Triq Fra D. Mifsud. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/22** Fuq it-talba biex jiżdied il-parking fi Triq l-Oratorju. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**02/05/23** Fuq it-talba biex issir *junction box* quddiem *gate* ta' għalqa fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/24** Fuq it-talba biex jinżabru l-pjanti tal-Pjazza**.** Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**02/05/25** Fuq it-talba għal *double yellow line* ħdejn l-entratura tal-garaxxijiet *'The Calling'* fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill innota li diġà hemm *double yellow line* u li hemm bżonn li jsir *refreshing.*

**02/05/26** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li nirranġaw il-*u-bar* ta' ħdejn il-*bus shelter* tal-Pjazza. Is-SE spjegat li dik il-*u-bar* qeda kif suppost.

**02/05/27** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel) issir bil-konkos. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/28** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nġibu *bowser* kull ġimgħa matul ix-xahar tal-Lulju u Awwissu biex insaqqu is-siġar ta' Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk, semma' l-laqgħa li saret ma' Sur Adrian Gatt minn The 'Grow 10 Trees' Project fejn ġie spjegat li dawn il-voluntiera qed iħawwlu s-siġar u jsaqquhom. Barra minn hekk, jorganizzaw numru ta' Clean Ups matul is-sena.

**02/05/29** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li jsiru *parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki. Dan is-suġġeriment intlaqa' tajjeb u ħa nġibu parir minn Transport Malta.

**02/05/30** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-*information panel* tal-Pjazza teħel qabel il-Festa. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/31** Is-Sur Christopher Fenech spjega li l-*information panels* ta' ħdejn il-kappella ta' San Ġwann u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għandhom bżonn jinbidlu għax spiċċaw. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/32** Is-Sur Carl Grech qal li hemm bżonn jeħlu *flexible bollards* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**02/05/33** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li jsir *heritage trail*. Dan is-suġġeriment intlaqa' tajjeb u ħa jiġi diskuss fid-dettal fil-laqgħat li ġejjin.

**02/05/34** Is-Sur Carl Grech ressaq li nixtru magna tal-kafè. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/35** Is-Sur Carl Grech ressaq li jsir *litter bin* fi Triq Mons L. Catania k/m Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li l-gandott ta' Triq il-Ġnien (viċin Busietta Gardens) jiġi kopert. Dan is-suġġeriment kien tressaq fil-passat u din il-ħaġa ma tistax issir.

**02/05/37** Is-Sindku resqet li jsiru żewġ *rubber humps* fi Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/38** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li fi xahar ta' Ottubru nixgħelu t-Torri tas-Semaforu biex nfakkru *Pink October*. Kien hemm qbil unanimu.

**02/05/39** Is-Sindku ssuġġerit li norganizzaw *October Fest*. Dan is-suġġeriment intlaqa' tajjeb u ħa jiġi diskuss fid-dettal fil-laqgħat li ġejjin.

**02/06 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2019)**

**02/06/01** Is-Sindku ppreżentat r-rapport finanzjarju għall-perjodu Kwart 1 Jannar sa Marzu 2019 u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/07 Sejħa għal ħatra ta' Ambaxxatur /Ambaxxatriċi**

**02/07/01** Is-SE ħa toħroġ sejħa għal ħatra ta' Ambaxxatur /Ambaxxatriċi għall-Kunsill Lokali Vot 16. Dawk interessati għandhom jissottomettu l-applikazzjoni sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 19 ta' Awwissu 2019.

**02/08 Aggudikazzjoni tal-proposti miz-zewg skemi tal-gbir tal-iskart separat**

**02/08/01** Is-SE qalet li sa data tal-għeluq waslu żewġ proposti, waħna mill-GreenPak Coop Society u l-oħra mill-Green MT.

**02/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**02/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**02/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**02/10/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2019 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**